**21 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Rosario Briffa

*versus*

Geraldo Debono

**Prova — Perizja Kalligrafika — Art. 635 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-perizja kalligrafika, anki meta tkun weħedha, ma jistgħax jingħad li għandha tkun skartata "sic et simpliciter"; u bħala prova ndizjarja u sussidjarja għandha l-valur tagħha, u tista' tikkonforta l-ġudikant fl-apprezzament ta' provi oħra fil-kumpless taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ. U bħala prova naxxenti mill-komparazzjoni u verifikazzjoni tal-iskrittura, huwa applikabbli għaliha l-kriterju ġenerali taċ-ċertezza morali tal-ġudikant.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut jikri minn għand l-attur il-fond numru 15 Balzan Valley, Balzan, bi skrittura tat-2 ta' April 1949 (dok. X); illi skond l-imsemmija skrittura l-attur għandu d-dritt li, meta jrid huwa, jimpedixxi lill-konvenut mil'li jagħmel użu mill-bejt tal-imsemmi fond, u b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru 1959 l-attur avża lill-konvenut li ma riedux jagħmel użu mill-imsemmi bejt; illi matul il-kirja fuq imsemmija l-konvenut, mingħajr il-kunsens tal-attur, għamel innovazzjonijiet fil-fond, konsistenti fl-erezzjoni ta' kamra fil-bitħa tal-imsemmi fond u tibdil ieħor li jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u illi, non ostante l-imsemmija ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru 1959, il-konvenut baqa' jagħmel użu mill-bejt tal-fond, u ma neħħiex l-imsemmija kamra u tibdil ieħor; talab li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, (1) jiġi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti li huwa ma għandux dritt jagħmel użu mill-bejt tal-fond numru 15 Balzan Valley, Balzan; (2) il-konvenut jiġi kundannat jirrimwovi l-imsemmija kamra u jirripara kull tibdil ieħor li huwa għamel fil-fond fuq riferit, fiż-żmien li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti; (3) u f'nuqqas, l-attur ikun awtorizzat jagħmel huwa l-imsemmi xogħol ta' rimoz-

zjoni u riparazzjoni a spejjeż tal-konvenut; u dan taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat għal dan il-fini. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru 1959, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit kalligrafu, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ikkonkluda illi l-firma "Gelardo Debono" u "Giuseppe Debono" ta' fuq id-dokument fol. 5 u l-kitba awtografa ta' mart il-konvenut għandhom it-tnejn numru ta' karatteristiċi ndividwali u personali identiċi, li jindikaw illi l-firmi mpunjati ta' fuq l-imsemmi dokument fol. 5 nkitbu minn Giuseppa Debono;

Illi l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 75, issottometta sostanzjalment illi l-perizja kalligrafika hija sempliċi prova ndizjarja, ta' valur inċert u ekwivoku, u nvoka favur tiegħu l-awtorità tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maestà tar-Reġina (f'sedi ta' Appell) fit-28 ta' Ottubru 1944 (riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXXII-IV-771). Issa, b'din is-sentenza ġie ritenut illi l-perizja kalligrafika, "meta anki tkun weħedha", ma jistgħax jingħad li għandha tkun skartata "sic et simpliciter", u illi bħala prova ndizjarja u sussidjarja għandha l-valur tagħha, u tista' tikkonforta l-ġudikant fl-apprezzament ta' provi oħra fil-kumpless taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ. Mbgħad, ta' min josserva illi, jekk din il-perizja hija prova naxxenti mill-komparazzjoni u verifikazzjoni tal-iskrittura fis-sens tal-art. 635 Proċ. Ċiv., huwa applikabbli anki għaliha l-kriterju ġenerali taċ-ċertezza morali tal-ġudikant;

Jgħid a propożitu Mattirolo:— "Il legislatore non ha voluto attribuire un valore diverso all'una e all-altra prova . . . . vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario, applicare il principio di diritto comune in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l'estimazione delle singole prove, ed il giudice deve pronunziare in conformità alla sua convinzione, ossia della morale certezza" (Diritto Giu-

diziario, Vol. III, §306). U billi ħafna kien jingħad f'dak iż-żmien dwar l-effikaċja probatorja tal-perizja kalligrafika, l-istess awtur ħassu fid-dover li jirriproduċi l-ġudizzju tal-Pisanelli, relatur dwar il-Kodiċi Taljan ta' Proċedura Ċivili, li mar josserva:— "Il legislatore italiano avvertì giustamente che l'avviso degli esperti, per quanto possa essere fallace, pure rappresenta sempre una garanzia maggiore, imperrocchè gli studi speciali e l'abitudine conferiscono un tatto pratico ed un'abilità non comune nel conoscere l'identità e la diversità delle scritture; che in ogni caso il concorso di periti non elimina il giudizio dell'autorità giudicante, a cui spetta sempre il definitivo apprezzamento della relazione peritale" (v. Relazione Pisanelli p. 130 in Mattirolo, op. cit., §303 nota in calce). L-utilità, mbgħad, tal-perizja kalligrafika tirriżulta aktar ċara f'każ ta' konflitt ta' provi orali; f'liema każ, kif josserva Ricci, "se i ragionamenti della perizia convincono la Corte, questa deve dare la preferenza alla perizia" (Procedura Civile, Vol. II, §237). Fis-sens fuq miġjub ippronunzjat ruħha din il-Qorti fil-kawża "Cachia Zammit vs. Chetcuti", deċiża fit-8 ta' Novembru 1957;

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet jeħtieġ issir l-indaġini jekk il-perizja kalligrafika hijiex l-unika prova iżolata favur it-teżi tal-attur, jew hijiex suffragata minn ċirkustanzi u provi oħra;

Illi, skond il-provi miġjuba, il-fond "de quo" kien ġie rekwiżizzjonat mill-Housing Department, u f'xi żmien kien ġie assenjat lill-konvenut, kif jidher mill-obligazzjoni assunta fl-ewwel ta' Marzu 1946 (fol. 47) . . . . . . Il-lum, u wara li saret il-kawża, il-konvenut u martu qegħdin jiċħdu l-imsemmija skrittura, u anki l-firmi li jidhru fiha;

Illi, però, il-Qorti, wara li eżaminat iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tara aktar verosimili u attendibbli x-xhieda tal-attur, u tħoss li ma tistgħax toqgħod fuq ix-xhieda tal-konvenut u martu, li bl-atteġġjament negattiv u assolut tagħhom fuq fatti estranei għall-kawża kellhom il-ħila jikkontestaw ċirkustanzi u fatti li minnhom jirriżulta ndubbjament il-kuntrarju. Hekk, huma ċaħdu . . . . .;

Illi l-konvenut, fl-imsemmija nota tiegħu (fol. 75), irid jieħu argument miċ-ċirkustanza li l-iskrittura ġiet fir-mata xi għaxar snin ilu, u li dan il-fatt jirrendi wisq diffiċli l-indaġini tal-perit kalligrafiku; iżda l-Qorti ma tistgħax taċċetta din l-illazzjoni, u taqbel mar-raġunament tal-perit dwar dan il-punt; u żżid illi l-konfezzjoni tal-iskrittura fi żmien viċin għal-lokazzjoni huwa argument qawwi favur l-attur; għaliex ma ġiex pruvat, kif osserva l-perit, illi "xi darba l-konvenut ġie avviċinat mill-attur sabiex jiffirma din l-iskrittura, jew biex ma jużax il-bejt, u Debono rrifjuta, u għalhekk ma jidherx li kien hemm neċessità li Briffa jirrikorri għal dan il-mezz diżonest" (i.e. il-falsifikazzjoni tal-firma);

Illi l-lum ma jistgħax jingħad iżjed illi l-firma mpunjata saret mill-attur, għaliex dan ġie eskluż mhux biss mill-istess attur fix-xhieda tiegħu, imma wkoll mill-perit kalligrafu (§ 5(6) tar-relazzjoni);

Illi l-konvenut kompla, fl-imsemmija nota tiegħu, jissottometti illi "ma għandiex tiġi skartata l-ipotesi li l-imsemmijin firmi saru minn xi persuni tal-familja tal-attur, peress li l-kitba kienet f'idejn l-attur"; din hija mera suppożizzjoni li ma ġietx suffragata minn ebda prova, anqas indiretta; u għalhekk ma tistgħax tiġi bl-ebda mod kunsidrata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevja adozzjoni tal-perizja kalligrafika;

Tiddeċidi u tiddikjara illi l-firmi "Gelardo Debono" u "Giuseppe Debono" fl-iskrittura fol. 5 tal-proċess inkitbu minn Giuseppa Debono, mart l-konvenut;

U għalhekk tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tal-25 ta' Mejju 1961, biex titkompla skond il-liġi;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.